MALTA

ATT Nru. XIV ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti) u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dan jew li huma anċillari għalihom.

ACT No. XIV of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate Architecture and Civil Engineering Professionals (Periti) and to provide for matters connected therewith or ancillary thereto.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President
10 ta'Mejju, 1996

ATT Nru. XIV ta' l-1996

ATT biex jirregola l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti) u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dan jew li huma anċillari għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 dwar l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti), u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'ohra —

"Bord" tfisser il-Bord tal-*Warrant* tal-Periti stabbilit bl-artikolu 6 ta' dan l-Att;

"Kamra" tfisser il-Kamra tal-Periti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet u, sal-limitu ta' funzjonijiet delegati lilu mill-Ministru, tinkludi l-Bord;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti taħt dan l-Att;

"professjoni" tfisser il-professjoni li tassumi responsabbiltà għal disinn u, jew, kostruzzjoni ta' xogħlijiet ta' bini, taħt it-titolu

ġeneriku ta' "Perit" u tinkludi xogħol fl-oqsma ta' l-arkitettura u ta' l-inġinerija ċivili u strutturali;

"*warrant*" tfisser *warrant* mogħti taħt l-artikolu 5 ta' dan l-Att, u "detentur ta' *warrant*" għandha tiftiehem skond hekk.

Kwalifiki għal *warrant*.

3. (1) Ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni kemm-il darba ma jkollhiex *warrant* skond l-artikolu 5 ta' dan l-Att.

(2) Persuna ma tikkwalifikax għall-għotja ta' *warrant* kemm-il darba —

(a) ma tkunx ċittadin ta' Malta jew xort'oħra jkollha l-permess li taħdem f'Malta bis-saħħa ta' xi liġi;

(b) ma tkunx ta' kondotta tajba;

(ċ) ma jkollhiex il-kapaċitajiet legali kollha; u

(d) ma tissodisfax lill-Bord li:

(i) jkollha kwalifiki akkademiċi miksuba wara li tkun għaddiet minn kors sħiħ ta' studju ta' mill-anqas erba' snin *full-time* jew l-ekwivalenti *part-time* tiegħu, fl-Università ta' Malta jew f'dik l-Università oħra jew istituzzjoni akkademika oħra li tista' tiġi rikonoxxuta għal dak l-għan mill-Bord wara li jkun ikkonsulta lill-Kamra, liema kors ikun fih dak il-minimu ta' suġġetti bażiċi fl-oqsma ta' l-arkitettura u ta' l-inġinerija ċivili li l-Ministru jista', wara li jkun ikkonsulta lill-Kamra, jippreskrivi;

(ii) għal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn wara li tkun kisbet il-kwalifiki akkademiċi msemmija fis-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu, tkun tħarriġet f'Malta taħt is-superviżjoni ta' detentur ta' *warrant* eżerċenti, skond il-*guidelines* li l-Ministru jista', wara li jkun ikkonsulta lill-Kamra, jippreskrivi:

Iżda meta l-kwalifiki akkademiċi msemmija fis-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu jinkisbu wara kors ta' ħames snin *full-time* jew iżjed, jew l-ekwivalenti *part-time* tiegħu, il-perijodu ta' taħriġ imsemmi f'dan is-subparagrafu għandu jkun ta' sena:

Iżda wkoll, bl-approvazzjoni tal-Bord, dak it-taħriġ jista', għal perijodu ta' mhux iżjed minn sena, fl-imsemmi perijodu ta' sentejn, isir fi Stat barra minn Malta ma' professjonista

f'dixxiplini relatati, li jkun hekk kwalifikat kif imiss biex jeżerċita l-professjoni f'dak l-Istat;

(iii) tkun ġiet eżaminata kif imiss u approvata mill-Bord f'eżami jew eżamijiet għal dak l-għan, skond kif il-Ministru jista', wara li jkun ikkonsulta lill-Kamra, jippreskrivi:

Iżda l-Bord jista' jeżenta persuna li tkun kisbet il-kwalifiki akkademiċi mill-Università ta' Malta jew minn dik l-Università oħra jew istituzzjoni akkademika oħra approvata għal dak l-għan mill-Bord wara li jkun ikkonsulta lill-Kamra, minn dak l-eżami jew eżamijiet għal kollox jew f'parti.

Ċirkostanzi speċjali.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3, persuna li tkun tipposjedi l-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3, u fis-subparagrafi (ii) u (iii) tal-paragrafu (d) ta' l-imsemmi subartikolu, tista' tingħata *warrant* jekk il-Bord ikun sodisfatt li dik il-persuna jkollha grad akkademiku miksub wara li tkun għaddiet minn kors sħiħ ta' studji fl-arkitettura, inġinerija ċivili jew dixxiplini relatati f'Università jew istituzzjoni akkademika ekwivalenti, u li dik il-persuna, meta l-kors ta' studji fil-fehma tal-Bord,

(i) kien ta' inqas minn erba' snin ta' studji, jew ta' tul *part-time* ekwivalenti, jew

(ii) ma kienx fih dak il-minimu ta' suġġetti fl-oqsma ta' l-arkitettura u inġinerija ċivili kif preskritti mill-Ministru skond is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3,

tkun għamlet taħriġ prattiku għal perijodu ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn tliet snin skond kif l-imsemmi Bord jista' jistabbilixxi minn każ għal każ, taħt is-sorveljanza ċċertifikata ta' detentur ta' *warrant* li jkollu l-prattika, skond dawk il-*guidelines* li l-Ministru, wara li jkun ikkonsulta lill-Kamra, jista' jippreskrivi:

Iżda l-Bord jista' wkoll jeħtieġ li dik il-persuna tiġi eżaminata f'dawk is-suġġetti li jista' jqis meħtieġa.

Warrant biex wieħed jeżerċita bħala Perit.

5. (1) Il-*warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni għandu jingħata mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord lil kull persuna li tissodisfa l-ħtiġiet ta' l-artikoli 3 jew 4 ta' dan l-Att.

(2) Detentur ta' *warrant* jista' juża l-isem "Perit" flimkien ma' ismu.

(3) Kull persuna li jingħatalha *warrant* bħal dak għandha, qabel ma tibda teżerċita l-professjoni tagħha, tieħu quddiem il-Qorti ta' l-Appell, f'seduta bil-miftuħ, il-ġurament ta' fedeltà msemmi fl-artikolu 10 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-ġurament ta' kariga kif miġjub hawn taħt:

Kap. 12

Jiena, ...
naħlef/solennement niddikjara li nagħmel fedelment u bl-onestà u bir-reqqa kollha d-dmirijiet ta' Arkitett u Inġinier Ċivili (Perit) u mill-aħjar li naf u li nista'.
Hekk Alla jgħini.

Bord tal-*Warrant* tal-Periti.

6. (1) Għandu jitwaqqaf Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord tal-*Warrant* tal-Periti, u li jkun magħmul minn:

(a) *Chairman* li jiġi maħtur mill-Ministru minn fost persuni li huma jew kienu kwalifikati biex jinħatru mħallfin f'Malta;

(b) żewġ membri maħtura mill-Ministru minn fost detenturi ta' *warrant* li jkun ilhom detenturi tal-*warrant* tagħhom għal mill-anqas tmien snin;

(ċ) żewġ membri maħtura mill-Kamra minn fost detenturi ta' *warrant* li jkun ilhom detenturi tal-*warrant* tagħhom għal mill-anqas tmien snin; u

(d) żewġ membri li jiġu eletti b'votazzjoni sigrieta minn fost detenturi ta' *warrant* innifishom.

(2) Iċ-*Chairman* jinħatar għal żmien tliet snin, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tiegħu.

(3) Il-membri l-oħra tal-Bord għandhom iżommu l-kariga għal żmien sentejn, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tagħhom:

Iżda fl-ewwel sena, wieħed minn kull wieħed mill-membri, maħtura jew eletti taħt il-paragrafi (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' qabel, għandu jinħatar jew jiġi elett għal sena waħda, hekk illi, wara, nofs il-membri msemmija minbarra ċ-*Chairman* għandhom jivvakaw il-kariga tagħhom kull sena.

(4) Meta jkun hemm xi vakanza fil-Bord, il-Ministru għandu, hekk kif ikun prattikabbli, fil-każ taċ-*Chairman*, jew membru maħtur minnu, jaħtar pesuna oħra biex timla l-vakanza; fil-każ ta'

membru maħtur mill-Kamra, huwa għandu jitlob lill-Kamra biex taħtar persuna oħra biex timla l-vakanza, u fil-każ ta' membru elett jara li ssir elezzjoni biex timtela l-vakanza.

(5) L-għadd ta' membri meħtieġ biex ikun hemm *quorum* ikun ta' tlieta, iżda, dejjem jekk ikun hemm *quorum*, il-Bord jista' jiffunzjona minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu.

(6) Il-Ministru jista' wkoll jiddelega uffiċjal pubbliku biex jagħmilha ta' segretarju tal-Bord, iżda dak is-segretarju ma jkollux vot.

(7) Barra minn dak imsemmi qabel, il-Bord jista' jagħmel ir-regoli tiegħu stess u xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu stess.

7. (1) Il-funzjonijiet tal-Bord huma: Funzjonijiet tal-Bord.

(a) li jikkonsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrant*, u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwarhom lill-Ministru;

(b) li jorganizza u jirregola, u jiddeċiedi talbiet għal eżenzjonijiet minn, l-eżami tal-*warrant* professjonali skond l-artikoli 3 u 4 ta' dan l-Att;

(ċ) li jirregola l-kondizzjonijiet ta' taħriġ prattiku barra minn Malta, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

(d) li japprova Universitajiet jew istituzzjonijiet akkademiċi skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

(e) li jagħti pariri lill-Ministru, u jorganizza u jirregola l-eżamijiet xierqa u l-perijodi ta' taħriġ prattiku, kif provdut fl-artikolu 4 ta' dan l-Att.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord jista' jikkonsulta ma' dawk il-persuni li jidhirlu xieraq u jista' wkoll jaħtar kumitati, li l-president tagħhom ikun membru tal-Bord, għall-qadi ta' dawk id-dmirijiet jew ta' dak ix-xogħol ieħor li l-Bord jista' jagħtihom.

(3) Il-Bord għandu jżomm reġistru ta' detenturi ta' *warrant* u għandu, mhux iktar tard minn tliet xhur wara tmiem kull sena, jippubblika fil-Gazzetta lista ta' persuni li, fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena, kienu reġistrati bħala detenturi ta' *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' dan l-Att. Bl-istess mod u fl-istess żmien, il-Bord għandu jippubblika lista ta' soċjetajiet reġistrati skond l-artikolu 9.

Kamra tal-Periti u s-setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

8. (1) Għandu jibqa' jkun hemm Kamra ta' l-Arkitetti li minn issa 'l quddiem ser tissemma bħala l-Kamra tal-Periti, u d-detenturi ta' *warrant* kollha għandu jkollhom id-dritt li jkunu membri ta' dik il-Kamra u li jieħdu sehem fl-attivitajiet tagħha.

(2) Il-Ministru għandu s-setgħa li jagħmel regolamenti —

(a) li jippreskrivu l-kondizzjonijiet u r-regoli meħtieġa għall-kostituzzjoni u l-amministrazzjoni skond il-liġi tal-Kamra, għaż-żamma tagħha, u għall-validità tad-deċiżjonijiet tagħha, kif ukoll sabiex jiġu stabbiliti l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha;

(b) li jassenjaw lill-Kamra d-dmir li tinvestiga l-akkużi ta' imġieba ħażina jew abbuż professjonali magħmulin kontra detentur ta' *warrant* dwar l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jew dwar ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu mal-professjoni;

(ċ) li jagħtu lill-Kamra setgħat dixxiplinarji dwar kull imġieba ħażina, jew abbuż imsemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, b'dawk il-mezzi u l-modi li jkunu preskritti b'regolamenti:

Iżda ma tista' tingħata ebda piena mill-Kamra qabel ma d-detentur ta' *warrant* li jkun qed jiġi akkużat jingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi ruħu, bla ħsara tal-jedd tiegħu li jappella mid-deċiżjoni tal-Kamra lill-Qorti ta' l-Appell fiż-żmien u bil-mod li jiġu hekk preskritti minn żmien għal żmien;

(d) li jipprovdu dwar it-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-Kamra u tal-Bord.

Soċjetajiet ta' detenturi ta' *warrant*.

9. (1) Żewġ detenturi jew iżjed ta' *warrant* jistgħu jiffurmaw soċjetà ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*", li jkollha bħala l-iskop waħdieni tagħha x-xogħol tal-professjoni u li jkollha dawk is-setgħat li jistgħu jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tas-soċjetà.

(2) Ebda persuna li ma tkunx detentur ta' *warrant* ma tista' tkun soċju f'soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*.

(3) Kull soċjetà bħal dik għandha, meta tkun iffurmata kif imiss skond il-liġi u wara li jsir il-ħlas tad-dritt preskritt, tiġi reġistrata mill-Bord, u ma' dik ir-reġistrazzjoni s-soċji jkunu, sakemm is-soċjetà tibqa' hekk reġistrata, awtorizzati li jaġixxu f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà, li jkollha l-jedd li tuża t-titolu "Periti".

(4) Kull soċjetà bħal dik għandha tagħti lill-Ministru jew lill-Bord dak it-tagħrif li jkunu raġonevolment jeħtieġu jew li jista' jiġi preskritt, u għandha tagħti avviż lill-Ministru jew lill-Bord dwar kull tibdil rilevanti f'kull tagħrif li qabel ikun ingħata lilhom fi żmien ħmistax-il jum wara d-data li fiha jkun sar dak it-tibdil.

Dispożizzjonijiet applikabbli għal soċjetajiet ta' detenturi ta' *warrant*.

10. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra jew ta' xi ftehim ieħor kuntrarju, dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* taħt dan l-Att:

(a) is-soċji jkunu responsabbli *in solidum* għal kull għemil u nuqqas ta' kull wieħed minnhom fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom, fiż-żamma tal-livell u l-imġieba professjonali meħtieġa u b'mod ġenerali fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra applikabbli, u għandhom ukoll ikunu responsabbli *in solidum* għal kull telf jew danni riżultanti;

(b) kull għemil jew ħaġa li tista' ssir minn detentur ta' *warrant* tista' ssir minn wieħed jew iżjed mis-soċji f'isem is-soċjetà, u kull għemil jew ħaġa li ssir f'isem is-soċjetà għandha ssir minn wieħed jew iżjed mis-soċji;

(ċ) ir-responsabbiltajiet u l-obbligi għal kull ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir matul il-perijodu li fih id-detentur ta' *warrant* kien soċju f'soċjetà ta' "Periti" ma għandhomx jieqfu, dwar dik il-persuna, minħabba li din tkun irtirat, mietet jew għal xi raġuni oħra li minħabba fiha ma tibqax soċju.

Assigurazzjoni għal indennizz minn detentur ta' *warrant* jew minn soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*.

11. (1) Kull detentur ta' *warrant* jew soċjetà reġistrati taħt dan l-Att jistgħu jkunu meħtieġa li jkunu koperti minn assigurazzjoni għal indennizz minn dik il-kumpannija, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jistgħu jiġu preskritti, kontra kull responsabbiltà li d-detentur tal-*warrant* jew is-soċjetà jista' jkollhom għal kumpens dwar xi telf jew danni lil xi persuna jew ħaġa minħabba xi għemil, żball jew nuqqas negliġenti li jkun sar mid-detentur tal-*warrant*, mis-soċjetà, minn xi soċju tagħha, jew minn xi wieħed mill-impjegati tagħhom, kif ukoll kontra kull talba dwar kull telf jew danni li jinħolqu jew li jkun hemm kontribut għalihom b'xi għemil jew nuqqas kriminali jew doluż ta' xi wieħed mill-impjegati tagħhom:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx ikunu japplikaw għal detenturi ta' *warrant* li jkunu, u għal dak iż-żmien

li jkunu, impjegati mal-Gvern, f'kariga ċivili jew militari, dwar id-dmirijiet uffiċjali tagħhom.

(2) Kull detentur ta' *warrant* jew soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* li jkunu marbutin li jkunu koperti minn assigurazzjoni għal indennizz taħt dan l-artikolu għandhom, ta' kull sena fi żmien ġimgħa minn meta jkunu kkuntrattaw jew ġeddu dik l-assigurazzjoni għal indennizz, javżaw lill-Bord bil-miktub dwar l-isem tal-kumpannija assiguratriċi u n-numru relattiv tal-polza ta' assigurazzjoni.

Ftehim projbit.

12. Kull ftehim jew arranġament li jkollu l-ħsieb li jeżenta lil detentur ta' *warrant* jew soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* minn xi responsabbiltà, piż jew dmir taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, jew li jeħlishom minnhom jew, ħlief taħt assigurazzjoni għal indennizz magħmula taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att, biex jingħatalhom indennizz kontra kull responsabbiltà, piż jew dmir bhal dawk, ikun null u mingħajr effett.

Skwalifika ta' detentur ta' *warrant*.

Kap. 9.

13. (1) Il-kundanna minn tribunal kompetenti għal reat li għalih hemm il-priġunerija għal żmien ta' iktar minn sena, minbarra omiċidju involontarju jew reati oħra kontra l-persuna li jkunu skużabbli skond il-Kodiċi Kriminali, iġġib l-iskwalifika perpetwa li wieħed jikseb jew iżomm il-*warrant*.

(2) Dik l-iskwalifika għandha fil-każ ta' detentur ta' *warrant* tiġi dikjarata mill-Ministru b'avviż li jiġi pubblikat fil-Gazzetta u li jiġi notifikat lill-persuna skwalifikata, kemm-il darba din ma tkunx ġiet ħekk interdetta bis-sentenza innifisha.

(3) Il-Ministru jista', f'kull żmien, u jekk il-Bord ħekk jirrakomanda, b'ordni jneħħi l-iskwalifika dikjarata minnu.

Ċessjoni ta' *warrant* jew reġistrazzjoni ta' soċjetà.

14. (1) *Warrant* jew reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* maħruġa, mogħtija jew magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jiġu rtirati jew imħassra mill-Ministru, fuq it-talba tad-detentur tal-*warrant*, jew soċjetà, skond il-każ.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, *warrant* ġdid jew reġistrazzjoni ġdida ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* jistgħu jinħarġu, jingħataw jew isiru f'kull żmien jekk il-kondizzjonijiet għal dak il-ħruġ jew reġistrazzjoni jkunu ġew sodisfatti.

Sospensjoni jew revoka ta' *warrant*, jew reġistrazzjoni ta' soċjetà.

15. Il-Ministru jista', b'ordni bil-miktub, jissospendi, jirrevoka jew iħassar *warrant*, jew reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*, jekk id-detentur tal-*warrant*, jew wieħed mis-soċji tas-soċjetà, skond il-każ –

(a) ikun instab ħati, wara inkjesta mill-Kamra, salv id-dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell ta' dawn l-atti jew nuqqasijiet li ġejjin:

(i) diżonestà, imġieba ħażina jew negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu;

(ii) imġieba li tiskredita l-professjoni;

(iii) nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar il-livell jew prattika professjonali;

(iv) nuqqas ta' tħaris ta' xi kondizzjoni mqiegħda f'*warrant* maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att; jew

(b) ikun instab ħati minn qorti kompetenti ta' reat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti li jsiru taħtu; jew

(ċ) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att, ikun instab ħati minn qorti kompetenti ta' delitt li jolqot il-fiduċja pubblika jew serq jew frodi jew li xjentement ikun irċieva proprjetà miksuba b'serq jew frodi.

Effetti tar-revoka jew sospensjoni ta' *warrant*, jew reġistrazzjoni ta' soċjetà.

16. Meta *warrant* maħruġ taħt dan l-Att jiġi rtirat, sospiż jew revokat, il-persuna li lilha jkun inħareġ il-*warrant* ma tibqax tkun id-detentur ta' dak il-*warrant*, jew tiġi sospiża mill-eżerċizzju tal-professjoni tagħha, skond il-każ, u ma għandhiex tibqa' tuża, jew għandha tissospendi, l-użu tat-titolu "Perit"; u meta titħassar ir-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* il-membri ta' dik is-soċjetà u s-soċjetà ma għandhomx jibqgħu jaġixxu f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà u s-soċjetà ma għandhiex tibqa' tuża t-titolu "Periti".

Il-Ministru jista' joħroġ *warrant* ġdid.

17. Il-Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista', wara li tgħaddi sena mid-data tar-revoka jew irtir tal-*warrant* jew it-tħassir ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*, joħroġ *warrant* ġdid jew jawtorizza r-reġistrazzjoni ta' soċjetà taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord jista' jqis li jkunu meħtieġa.

Reati.

18. (1) Kull persuna li, sabiex tikseb *warrant*, jew reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħti tagħrif ħażin jew xort'oħra taġixxi b'mod qarrieqi jew bi

frodi tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull persuna li, meta ma tkunx id-detentur ta' *warrant,* tassumi jew tuża t-titlu "Perit", jew b'xi mod turi li jkollha l-jedd li teżerċita l-professjoni, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u dwar it-tieni reat jew reati oħra sussegwenti multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Kull persuna li tuża t-titlu "Periti" dwar soċjetà ta' detenturi ta' *warrant,* meta tkun taf li dik is-soċjetà ma tkunx reġistrata skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew b'xi mod ikun li jkun xjentement tagħmel użu minn isem falz li jindika li teżisti soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* reġistrata kif imsemmi qabel, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u dwar it-tieni reat jew reati oħra sussegwenti multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Kull persuna li, meta ma tkunx detentur ta' *warrant* skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, teżerċita l-professjoni tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u dwar it-tieni reat jew reati oħra sussegwenti multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(5) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' tletin lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Dispożizzjonijiet oħra dwar reati.

19. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati u pieni dwarhom ma jolqtux l-applikazzjoni ta' xi liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni dwar l-istess atti jew omissjonijiet u ma għandhomx, b'mod partikolari, jolqtu l-applikazzjoni ta' xi piena oġħla taħt xi liġi oħra.

Kap. 152.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, ma għandhomx japplikaw għal dan l-Att.

(3) Għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att, l-użu fuq xi biljett, karta ta' l-ittri, tabella, kartellun, pjanċa, reklam jew mezz, strument jew dokument iehor miktub, stampat jew imnaqqax, tal-kelma "Perit" jew "Arkitett" jew xi waħda minn dawk il-kliem użati flimkien mal-kliem "Inġinier Ċivili" jew "Inġinier Strutturali", ikun prova biżżejjed ta' l-għarfien ta' dak l-użu mill-persuna li dwar isimha l-imsemmija kelma tkun użata, kemm-il darba dik il-persuna ma tippruvax li l-użu ta' dik il-kelma sar mingħajr l-għarfien tagħha u li meta saret taf bih ħadet il-passi xierqa biex twaqqfu.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-Att –

(a) persuna ma titqiesx li teżerċita l-professjoni ta' detentur ta' *warrant* jekk taġixxi bħala impjegat ta', jew bħala assistent ta', detentur ta' *warrant* jew ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant* u ma toħroġ ebda ċertifikazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-arkitettura jew inġinerija ċivili bil-firma tagħha;

(b) sal-limitu li jiġi hekk preskritt, persuna ma titqiesx li teżerċita l-professjoni ta' detentur ta' *warrant* jekk din tkun f'dak l-impieg jew ikollha jew taġixxi f'dik il-kariga, jew tkun tagħmel biss dak ix-xogħol, dawk is-servizzi, dak l-għemil jew dawk il-funzjonijiet kif jistgħu jiġu preskritti.

Regolamenti.

20. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kamra, jagħmel regolamenti biex jagħtu effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod ġenerali biex tiġi regolata l-professjoni, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu b'mod partikolari jinkludu dispożizzjonijiet dwar:

(a) l-għemil ta' tariffa ta' drittijiet li għandhom jitħallsu lil detenturi ta' *warrant* għal xogħol u servizzi professjonali mhux imsemmija fit-Tariffa K ta' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12.

(b) id-drittijiet li jistgħu jintalbu għall-ħruġ ta' *warrant* jew għar-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi ta' *warrant*, jew għal kopji tagħhom;

(ċ) kull ħaġa li hija meħtieġa jew awtorizzata b'dan l-Att li tiġi preskritta.

Thassir u riżerva. Kap. 44.

21. (1) L-Ordinanza dwar l-Arkitetti, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa l-Ordinanza, hija b'dan imħassra.

(2) Ir-regolamenti kollha magħmula taħt l-Ordinanza għandhom ikomplu japplikaw kif kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, sa meta jiġu revokati jew emendati, b'dawk il-modifiki, adattamenti u limitazzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Kull *warrant* mogħti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza għandu, minkejja kull ħaġa li tinsab f'dan l-Att, jibqa' fis-seħħ wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u għandu jitqies li jkun ġie mogħti taħt dan l-Att u għandu jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) It-tħassir ta' l-Ordinanza huwa mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħtha u b'mod partikolari ma jolqot ebda obbligu jew xi penalità jew piena li wieħed ikun ġarrab dwar xi reat magħmul kontra xi dispożizzjoni tagħha; u kull inkjesta, proċeduri legali, proċeduri għas-sospensjoni jew irtirar ta' *warrant* jew liċenza speċjali jistgħu jitkomplew jew jiġu imposti bħallikieku l-Ordinanza ma ġietx imħassra.

(5) Kull riferenza f'xi liġi oħra għall-Ordinanza għandha tiftiehem bħala riferenza għad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan l-Att.

(6) Il-Kamra ta' l-Arkitetti stabbilita bl-Ordinanza għandha tkompli bħala l-Kamra msemmija fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.

Kostruzzjoni ta' liġijiet.

22. Kull riferenza f'xi liġi għal arkitett u inġinier ċivili, jew għal persuna li jkollha *warrant* taħt l-Ordinanza dwar l-Arkitetti u kull riferenza għall-Ordinanza dwar l-Arkitetti mħassra bl-artikolu 21 ta' dan l-Att għandha tiftiehem li tkun riferenza għal detentur ta' *warrant* taħt dan l-Att u għal dan l-Att rispettivament.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 535 tas-6 ta' Mejju, 1996.

MICHAEL BONNICI
Deputy Speaker

JOSANNE BONELLO
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.